MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2013

Numru. 89/2004

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Jesmond Sghendo** ta' 34 sena bin Joseph u Margaret *nee'* Zammit, imwieled Pieta' fid-19 ta' Jannar 1970, residenti Lucienne Flats, Flat 2 L. Zammenhoff Street Msida u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 70770M;

Talli f'dawn il-Gzejjer, f'xi jum matul il-perjodu ta' bejn it-12 ta' Mejju 2003, u s-snin ta' qabel din id-data ikkommettejt serq ta' karru tal-hadid, ikkwalifat bil-valur li ma jiskorriex l-elf lira Maltija, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Mario Fenech mir-Rabat;

Talli fl-istess perjodu taz-zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer xjentement ilqajt ghandek jew xtrjat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew xjentement, b'kull mod li jkun, indhalt sabiex tbieghhom jew tmexxihom;

Rat il-kunsens tal-avukat generali tal-20 ta’ Frar 2004 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura kif registrat fis-seduta tal-15 ta’ Marzu 2005;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din l-kawza tirrigwarda allegat serq jew ricettazzjoni ta’ karru ta’ trailer li tħalla pparkjat f’Horns Ditch jew Belt il-Hazna minn certu Mario Fenech, li flimkien mieghu kellu tlett trailers ohra. F’gurnata minnhom, Mario Fenech kien ghaddej mill-post fejn kien ipparkja it-trailer u ma sabux hemm. Hu haseb li kien isselfu habib tieghu minghajr ma qallu izda wara li staqsa lil dan l-istess habib u qallu li ma kienx issellfu, Mario Fenech kien induna li xi hadd mhux maghruf kien hadulu;
Xi ftit taz-zmien wara, Mario Fenech kien ra trailer simili ghal tieghu ipparkjat hdejn il-gibjun ta’ l-Imsida u minn stharrig li ghamel irrizultalu li dak it-trailer kien jinsab ghand l-akkuzat Jesmond Sghendo. Dan kien wasal ghalih wara li kien staqsa lill-persuna li ssewwi r-roti ta’ karrijiet simili wara li Sghendo kien mar isewwi ghandu. Fenech kien kellem lill-akkuzat u qallu li dak it-trailer kien propjeta’ tieghu izda Sghendo qallu li kien xtrah minghand persuna ta’ nazzjonalita’ Taljana li qallu li kien intuza waqt xi shows f’Malta.
Meta Fenech baqa’ jippressa lil Sghendo fuq dan it-trailer, Sghendo offrielu somma flus ghalih u Fenech accetta, izda madanakollu, Sghendo kien tah biss ammont zghir ta’ flus minn dak li kienu ftehmu u kien hemm biss li Mario Fenech mar jaghmel rapport mal-Pulizija, jigifieri diversi xhur wara li nnutah nieqes. Quddiem din il-Qorti, Fenech ddikjara illi l-karru ghandu n-numru tax-*chassis* mwahhal mieghu kif ukoll bicciet iwweldjati li jaghmluh identifikabbli, izda minkejja li wieghed li jipprovdi dan in-numru, baqa’ inadempjenti u ghalhekk din il-Qorti ghandha ma tafx x’kien in-numru tal-karru u jekk dan

ghadux jidher fuq l-istess. Il-prosekuzzjoni kellha ukoll tesebixxi ritratt ta' dan il-karru izda dan qatt ma mmaterjalizza. Tajjeb li jinghad ukoll illi meta Fenech sab il-karru pparkjat l-Msida, dan kien modifikat ghaliex minn *single wheel* sar *double wheel* u fuqu inbniet forma ta' gagga tal-hadid;

Illi fix-xhieda tieghu, Mario Fenech jghid li hu kien xtara tlett trailers minghand agent f'Malta u kienu fi stat dilapidat hafna. Fil-fatt, hu ma tantx kien juzahom u hallihom f'Horn's Ditch, Belt il-Hazna. Hu stqarr li ma kienx jaf lil Sghendo qabel dan l-incident u meta ra t-trailer simili ghal tieghu l-Imsida, induna li dan it-trailer kienu sarulu ammont ta' spejjez konsiderevoli, fosthom anke kienu gew mibdula xi tyres li kellu.

L-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri ghaliex wara diversi talbiet ghal differiment fejn jew deher hu mhux assistit jew deher bid-difensur tieghu li ma kienx hejja d-difiza tieghu, l-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza. Dan qed jinghad ghaliex il-Qorti ma tafx jekk l-imputat xtaqx jaghti l-verzjoni tieghu dwar din il-kwistjoni. Pero' ix-xhieda ta' Mario Fenech mhux kontradetta ma jfissirx illi l-Qorti ghandha awtomatikament ssib lill-imputat hati. L-oneru tal-prova fi kwalunkwe kaz hija fuq il-prosekuzzjoni u fil-kaz odjern insibu biss illi Mario Fenech jghid li l-karru li ra fit-triq kien jappartjeni lilu. Wiehed mill-elementi essenzjali ghall-prova tar-rejat ta' serq huwa li l-vittma jipprova li kien spussessat mill-oggett kontra l-volonta' tieghu. Dan jirravviza tehid tal-oggett li jappartjeni lill-vittma izda fil-kaz odjern, il-vittma ma ressaq l-ebda prova li l-karru in kwisjtoni kien jappartjeni lilu. Huwa wieghed lil din il-Qorti li jipprovdi n-numru tax-*chassis* izda dan qatt ma kien registrat in atti. Il-prosekuzzjoni ukoll ddikjarat li kienet ser tesebixxi ritratti tat-trailer u d-derubat qal li t-trailer kellu bicciet tal-welding li jaghmlu t-trailer identifikabbli izda dawn baqghu qatt ma ngiebu a konjizzjoni ta' din il-Qorti. Fl-ahjar ipotezi l-provi tal-prosekuzzjoni jikkonsistu f'dikjarazzjoni ta' persuna li kellha karru simili ghal dak li kien jappartjeni lilha u li instab ghand l-imputat. Dan wahdu ma jissodisfax ir-rekwizit ta' serq kif ravvizat fil-ligi u l-gurisprudenza;

Kwantu ghar-rejat sussidjarju ta' ricettazzjoni, din il-Qorti mhux sejra tinoltra fit-tul ghaliex anke hawn l-prosekuzzjoni ma ressqitx dawk il-provi mehtiega li ghandhom iwasslu ghas-sejbien ta' htija minghajr ebda ombra ta' dubju. Primarjament kien jokkorri lill-prosekuzzjoni tipprova illi l-oggett mertu tal-allegata ricettazzjoni kien oggett misruq. Issa kif intqal fil-konsiderazzjoni dwar l-ewwel akkuza, l-vittma ma ppruvax illi l-karru li lemah fit-triq kien il-karru tieghu u l-konsegwenza ta' dan kollu hu li l-oggett ma kienx jirrizulta misruq u kwindi wisq anqas suggett ghar-ricettazzjoni. Inoltre, l-fatt illi l-imputat mar isewwi r-roti tal-karru ghand l-unika persuna li taghmel dan ix-xoghol f'Malta, l-fatt illi l-imputat halla dan it-trailer parkeggjat fi triq pubblikka u vizzibbli ghall-pubbliku meta karrijiet bhal dawn, kif konfermat mid-derubat, ikollhom inciz fuqhom *chassis number* u partikolaritajiet wweldjati iwasslu ghal dak li tinsenja l-gurisprudenza illi l-imputat ma ghamel xejn li seta jostura l-verita';

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet l-Qorti hi tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha kontra l-imputat u ghal dawn il-motivi mhix qed issib lill-imputat hati u qed tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------